# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 1177/2021**

***FACEWOKS LIMITED***

***VS.***

***LBV LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Rat li din il-qorti kienet waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar, 2022, tat digriet li permezz tiegħu ordnat it-tħassir tal-kawża skont l-**artikolu 199(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan minħabba li ħadd mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom ma dehru għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa tliet darbiet;

2. Tqis li mid-data tat-28 ta' Jannar, 2022 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u f'dan iż-żmien ħadd ma ressaq rikors taħt l-**artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex din il-kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi. Dan iż-żmien imsemmi fl-**artikolu 199** huwa wieħed li ma jistax jittawwal mill-qorti, b'dana li darba jgħaddi dan it-terminu l-kawża ma tistax terġa' tiġi appuntata mill-ġdid. Tant hu hekk, li kull digriet li jappunta kawża mill-ġdid wara li jkun laħaq għadda dan it-terminu, huwa meqjus bħala null (ara ***Visa Investments Limited v. Blye Engineering Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020);

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda ttenni d-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2022 dwar it-tħassir tal-kawża, bi spejjeż fuq il-kumpannija attriċi u fl-istess waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-reġistratur tal-qorti sabiex ineħħiha għalkollox minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**